# VARIA ATQUE BREVIORA

## FONETIKA

### VOKALIZZAZZJONI

1. Il-vokali puri Maltin huma *a*, *i*, *u*; iż-żewġ vokali l-oħra *e*, *o* huma jew *varjetà* tal-vokali *i*, *u* bis-saħħa ta' l-aċċent li jaqa' fuqhom fl-inflessjoni tal-kelma, jew huma vokali ta' kliem mislu mit-Taljan jew Sqalli.

2. Il-vokali Maltin jitqassmu f'vokali *q*ᵃ*wwija* u f'vokali *dgħajfa*. Il-*vokali qawwija* huma *a*, *i*, *u* u l-*vokali dgħajfa* huma *e*, *o*. Il-*q*ᵃ*wwija* jistgħu jkunu jew *imk*ᵃ*rkra* jew *maħtufa*; id-*dgħajfa* huma dejjem *maħtufa*.

Il-vokali mkarkra *a* xi mindaqqiet tmîl lejn il-ħoss ta' *ie*. Għalhekk il-vokali *a* tista' titqies bħala *nofsha dgħajfa* jew bħala vokali ta' bejn *il-qawwija* u *d-dgħajfa* (intermedjarja).

F'xi każijiet il-vokali *a* turi d-dgħufija tagħha meta l-aċċent toniku minn fuq il-vokali tal-kelma jaqbeż għal fuq oħra. Eż. : *Dàkkar*, *dukkâr*; *sàffar*, *suffâra*, fejn l-ewwel vokali *a* titbiddel bit-taħrik u tibdil ta' l-aċċent.

### Tibdil ta' Vokali fil-forom tal-Verbi

3. Fil-forom tal-verbi jiġi li t-tibdil ta' l-aċċent minn forma għal oħra jbiddel ukoll il-vokali tal-forma ewlenija.

**Trilitteri dissillabi**

4. Verbi bil-vokalizzazzjoni : *e-e* ibiddu f'*a-a* jew f'*ie-e* Eż : *Weħel, waħħal; fehem, fiehem.*

Meta l-konsonanti tan-nofs hija *h* jew *għ*, din il-konsonanti ma ttennix il-ħoss tagħha fit-tieni forma, iżda l-vokali ta' qabil ha tikser fil-leħen ta' *ie*. Eż. : *Fehem, fiehem, qagħad, qiegħed*

Iżda meta t-tieni konsonanti hija *għ* ħoxna (l-*għajn* imlis sna minn qiegħ il-gerżuma) bħal f'*bagħal, bagħgħal* il-vokali ma titbiddelx.

5. Verbi bil-vokalizzazzjoni : *i-e* ibiddlu f'*a-a*; *e-e*. Eż : *kiber, kabbar; bired, berred; siker, sakkar; bired, berred.*

6. Verbi bil-vokalizzazzjoni *o-o* ibiddlu f'*a-a* jew *a-e*. Eż : *roħos, raħħas; ħolom, ħallem; għotob. għattab; għokos, għakkes.*

7. Il-verbi li ma jbiddlux il-vokali tal-forma ewlenija huma' dawk bil-vokalizzazzjoni : *e-a*, *a-a*, *a-e*. Eż. : *Kesaħ, kessaħ; daħal, daħħal; ħaseb, ħasseb* (Għal dettalji oħra ara : *Tagħlim fuq il-Kitba Maltija*, It-Tieni Ktieb, faċċ. 48-49, A. Cremona).

8. Il-**ca**(k) **Taljana jew Sqallija fi kliem li daħal fil-Malti.**

Jiġi li l-*ca* (k) Taljana jew Sqallija li daħlet fil-Malti titbiddel fil-ħoss ta' *q* (qaf). Minn lista ta' dwar 25 insemmu dawn li ġejjin : *Boqqa* (minn *bocca* Tal.); *baqqun* (minn *picuni* Sq.); *qorti* (minn *corte* Tal.); *qanpiena* (minn *campana* Sq.); *qalza* (minn *calza* Tal.; *quċċata* (minn *cozzata* Sq.); *qannebusa* (minn *cannebusa* Sq.); *qubbajt* (minn *cubbaita* Sq.); *qassata* (minn *cassata* Sq.-Tal.); *qanniċċ* (minn *canicciu* Sq.); *qroll* minn *corallo* Tal.—*curallu* Sq.); *quċċija* (minn *cuccia* Sq.).

Minn dawn l-eżempji jidher li l-*ca* Taljana jew Sqallija titbiddel f'*q* (qaf) iktarx quddiem vokali li warajha jkollha konsonanti mtennija jew żewġ konsonanti. Il-vokali ta' wara l-*ca* hija dejjem *a* jew *o* gutturali (li dlonk titbiddel f'*u*, u qatt f'*e* jew *i*). Meta l-*ca* Taljana jew Sqallija għandha warajha dittong bħal fi *cuoio* (Taljana), jew *cuoriu, coriu* (Sqallin), il-*ca* tibqa' bil-ħoss ta' *k* tagħna. Hekk ngħidu *kwejru* u mhux *qwejru*.

a. c.